# SILTA MILL-"KUMMIEDJA DIVINA" TA' DANTE ALIGHIERI

## IL-ĠRAJJA TAL-KONTI UGOLINO

### (L-INFERN: Kanti, XXXII v. 124-139 u XXXIII v. 1-90)

**DAĦLA.** — Dante, imsieħeb mill-mexxej tiegħu Virġilju, kien qiegħed iżur id-disa' ċirku ta' l-Infern. Hu kien jinsab fuq bħajra ngazzata, imsejħa Koċitu, li kienet imdewda b'erwieħ mitlufa, imdeffsin sa għonqhom fiha, hekk li minn barra wieħed ma kienx jista' jilmaħ ħlief irjus. Kienu għadhom kemm temmu laqgħa ma' wieħed mitluf, meta tibda l-ġrajja li sejrin insemmu.

*(L-INFERN: Kanti,* XXXII *v. 124-139 u* XXXIII *v. 1-90)*

Konn'ilna li tlaqnieh dak il-mitluf,
X'ħin nilmaħ tnejn ġo ħofra, hekk inġazzati,
Li r-ras ta' wieħed kienet għata għal l-oħra.
U kif tibilgħu l-ħobż, minħabba l-ġuħ,
Hekk il-fuqan kien snienu jħaddem fl-ieħor
Hemm fejn il-moħħ igħaqqad miegħu l-għonq.
M'hux b'anqas saħna Tidew darba qaxxar
L-ingħas ta' Menalippu, mfawwar bl-għadab,
Minn dan li kien igerrem il-qorriegħa.
"Int, li bl-imġiba ta' ħruxija fuqek,
Turi mibegħda għal min qiegħed tgiddem;
Għidli l-għaliex", qbiżt ngħidlu, "bi ftehim,
Li jekk qiegħed titniehed għax jistħoqqlok,
Kif inkun naf min int u l-ħtija tiegħu,
Nerġa' naqbeż għalik fid-dinja l-oħra,
Jekk dan li bih nitkellem ma jinxifx."

U l-midneb għolla ħalqu 'l fuq minn dik
L-ikla ta' bhima, mesaħ minnu x-xagħ'r
Tar-ras, li kien ħassarha mill-warrani,
U beda jgħid: "Int tridni mela ntenni
Il-weġgħa mingħajr jies, li tifni 'l qalbi,
Bl-anqas ħsieb biss, qabel ma mmur nikxifha.

'Ma jekk dil-ġrajja għandha tkun żerriegħa,
Li tnissel għajb fuq il-qarrieq ta' taħti,
Ser tisma' u tara kliem u dmugħ flimkien.
Jiena ma nafx min int, lanqas kif stajt
Tinżel hawn isfel; imma Fjorentin
Tidher tassew, meta nisimgħek tħaqqaq.
Kun af jien kont il-konti Ugolino
U l-arċisqof Ruggieri dan ta' fejni:
Ingħarrfek issa għax ninsab ħdejh daqshekk.
Kif, bil-ħżunija u l-qerq ta' ħsebijietu,
Qgħadt fuq il-kelma tiegħu, biex inqbadt
U wara kont maqtul, m'hemmx għalfejn ngħidlek.
'Ma dak li, naħseb jien, ma stajtx tkun tafu,
Kemm kienet, jiġifieri, ħarxa mewti,
Infehmek, ħalli tara ħaqarnix.
Toqba ċkejkuna ġewwa l-qafas tiegħi,
Li l-laqam qala' minn tal-ġuħ għalija
U għadu jkun meħtieġ għall-qfil t'oħrajn,
Kienet urietni, mill-ftuħ tagħha għal barra,
Mhux darba l-qamar, meta ħolma kerha
Niżlet tqatta' l-istar tal-ġejjien tiegħi.
Hu deh'rli fiha bħala sid u mgħallem,
Li qed ibarri l-libb u l-frieħ lejn l-għolja,
Li taħbi 'l Lukka mill-għajnejn Piżana,
Bi klieb irqaq, xammiema u fuqanin.
Gwalandi, ma' Sismondi u Lanfranki,
Qiegħed minn ta' quddiem għal dit-tbarrija.
Wara ġiri qasir, rajthom għajew
Il-missier u l-ulied u bi snien jaqtgħu
Stħajjilt il-kliem iċċarrat lil laħamhom.
Kif l-għada kelli nqum qabel is-sebħ,
Smajt 'l uliedi, li kelli msakkra miegħi,
Jibku fir-rqad u jittalbuni l-ħobż.
—Iebes tassew, jekk għad m'intix tingħafas,
X'ħin tagħraf dak li kien jeħber lil qalbi;
U jekk m'intx tibki, biex imdorri tibki?—
Kienu mqajmin u riesaq kien il-ħin,
Li jitwasslilna l-ikel għall-għixien;
U, mħabba l-ħolma, konna lkoll imħassba.
Smajthom isammru, mbagħad, il-bieb ta' taħt

Tat-torri li jkexkixni; u, bla tajt x'jifhmu,
Harist lejn wiċċ it-tfal, biex nieħu ħsiebhom.
Jiena ma bkejtx: ibbist daqshekk minn ġewwa!
Iżd'huma kienu jibku, u ż-żgħir Anselmu
Tiegħi qalli: "Dik ħarstek, pa! X'qed tħoss?"
Ukoll, ma ħriġt xejn dmugħ, lanqas tweġiba
Ma tajt tul dak il-jum u l-lejl ta' wara,
Sakemm ix-xemx ħarġet mill-ġdid fid-dinja.
'Ma kif merżuq ħafif daħal idawwal
Il-ħabs tat-tbatijiet u lmaħt, imherwel,
Minn erba' wċuh ix-xbieha tiegħi nnifsi,
Giddimt bil-qsim ta' qalb idejja t-tnejn.
U huma, minn għalihom ridt nitrejjaq,
Qamu malajr mnejn kienu mixħutin
U "Missier", għajtu, "inħossu uġigħ anqas,
Jekk taqbad tiekol minna: inti laħħamt
Dawn l-iġsma msejkna, inti, jistħoqq, tqaxxarhom."
Hedejt għalhekk, biex aktar ma jweġġgħux.
Dal-jum u l-ieħor bqajna siekta lkoll.
—Eħħ! art ħażina, għax ma nftaħtx u blajtna?—
Mar-raba' jum, imbagħ'd, li konna fih,
Gaddu nxteħet għal mejjet ġo saqajja
U qal: "Missier, għajnuna għalija m'hemmx?"
Hawnhekk ta l-aħħar nifs. Kif qed tarani,
Hekk rajt lit-tlieta l'oħra jaqgħu mejta,
Wieħed wieħed, mal-ħames u s-sitt jum.
Nieqes mid-dawl, tajtha li nteftef qalbhom;
Għaddew jumejn u kont għadni nsejħilhom!
'Ma l-ġuħ, fl-aħħar, deħ'r aqwa mill-uġigħ."
Kif kien temm dawn il-kliem, b'għajnejh imgħawġa,
Qabad mill-ġdid bi snienu r-ras imsejkna,
Li daħlu fl-għadam b'saħħa daqs ta' kelb.

Ah! Piża, nieqa t'għajb għall-ġnus imgħaddba
Tal-pajjiż sbejjaħ fejn tinstema' s-Sì,
La l-bliet ta' qribek rotob biex jgħakksuk,
Ha tqum Kaprara ma' Gorgona għalik;
U jxekklu, it-tnejn flimkien, l-Arnu minn ħalqha,
Hekk li din tgħarraq fik lil kull maħluq.
Għax jekk il-konti Ugolino nxela

Li qarraq bik, għax reħa kien xi braġ,
Ma kienx imissek taħqar hekk 'l uliedu.
Kien ħelishom mill-ħtija ż-żmien żagħżugħ,
Żagħżugħa Tebe, lil Brigata u 'l Ugo
U t-tnejn l-oħra, li ssemmi 'l fuq il-għanja.

LOUIS. ELLUL.